MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 24 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1424/2001/1

**V. Xuereb Aluminium Works u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2002 giet ordnata korrezzjoni fl-avviz tat-Talba fis-sens lli fejn hemm indikat isem l-attur, u precizament qabel il-kliem 'V. Xuereb Aluinium Works' jizdiedu l-kliem 'Valentino Xuereb ezercenti l-kummerc bhala'**

**vs**

**Randolph u Natasha Xuereb**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Novembru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' seba' mija u zewg liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm702.75) , bilanc ta' somma akbar rapprezentanti xoghlijiet ta' 'aluminium' maghmula lilhom mill-attur fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' zewg ittri bonarji u ittra ufficjali kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuta Natasha Xuereb fejn hija eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta tal-konvenut Randolph Xuereb fejn huwa eccepixxa l-preskrizzjoni that l-Artikolu 2148 (a) u/jew 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u, fil-mertu, li huwa m'ghandux jaghti l-ammont reklamat.

Sema' x-xhieda ta' Natasha Xuereb, Randolph Xuereb u ta' Valentino Xuereb. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ra d-digriet tas-6 ta' Marzu 2002 fejn giet ordnata korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba u kull fejn jirrikorri isem l-attur fl-atti processwali fis-sens illi fejn hemm indikat isem l-attur u precizament qabel l-kliem 'V. Xuereb Aluminium Works' jizdiedu l-kliem Valentino Xuereb ezercenti l-kummerc bhala'.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsida:

Illi l-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Jidher li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik stabbilita taht l-Artikolu 2148(a) u cioe' l-preskrizzjoni ta' tmintax (18) il-xahar.

Illi mid-dokumenti esibit a fol. numru 17 u 49 tal-process, u mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta li x-xoghol in kwistjoni sar bejn Marzu u Mejju tal-1999. L-istima esibita a fol. 17 inharget f'Marzu 1999 u mid-dokument esibit a fol. 49 jidher li l-fattura relattiva ghax-xoghlijiet inharget f''Mejju 1999. Il-kawza odjerna giet intavolata fid-9 ta' Novembru 2001. Jirrizulta ghalhekk li ghaddew aktar minn tmintax il-

xahar mid-data  meta saru x-xoghlijiet sad-data meta giet intavolata l-kawza odjerna. L-attur ma ressaq ebda prova li l-perijodu ta' preskrizzjoni gie nterrott u meta l-konvenut ittella' jixhed in subizzjoni u inghata l-'giuramento decisorio', huwa kkonferma li ll-ammont mitlub m'huwiex dovut minnhu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16  bl-ispejjes kontra l-attur.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**